# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1571

## tal-15 ta' Settembru 2017

## li jemenda għall-277 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-12 ta' Settembru 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna fiżika mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

Fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, l-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" titħassar:

"Zulkifli Abdul Hir (alias (a) Musa Abdul Hir, (b) Muslimin Abdulmotalib, (c) Salim Alombra, (d) Armand Escalante, (e) Normina Hashim, (f) Henri Lawi, (g) Hendri Lawi, (h) Norhana Mohamad, (i) Omar Salem, (j) Ahmad Shobirin, (k) Bin Abdul Hir Zulkifli, (l) Abdulhir Bin Hir, (m) Hassan, (n) Hogalu, (o) Hugalu, (p) Lagu, (q) Marwan (prominentement magħruf bħala)). Indirizz: (a) Seksyen 17, Shah Alam, Selangor, il-Malasja (post preċedenti), (b) Maguindanao, il-Filippini (f'Jannar 2015). Data tat-twelid: (a) 5.1.1966, (b) 5.10.1966. Post tat-twelid: Muar Johor, il-Malasja. Nazzjonalità: Malasjan. Numru tal-Passaport: (a) A 11263265, (b) Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 660105-01-5297, (c) Liċenzja tas-sewqan D2161572, maħruġa f'California, l-Istati Uniti. Informazzjoni oħra: (a) Il-Qorti ta' Northern District of California, l-Istati Uniti, ħarġet mandat ta' arrest għalih fl-1 ta' Awwissu 2007. (b) Ikkonfermat li miet f'Maguindanao, il-Filippini f'Jannar 2015. (c) Isem ommu huwa Minah Binto Aogist Abd Aziz. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 9.9.2003."